MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Avviz Numru. 77/2008

**Peter Busuttil**

**Vs**

**Kurt Farrugia**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat mill-attur nhar it-tmintax (18) ta' Frar 2008 fejn talab lil din il-Qorti tiddikjara u tiddecidi li l-kontenut tal-artikolu ntitolat "*Fenech forks out EUR20,000 to Peter Busuttil*" ippublikat fuq is-sit elettroniku tal-gurnal elettroniku 'Maltastar.com' tal-ghaxra (10) ta' Frar (Dok. A) u li tieghu l-konvenut huwa editor – huwa libelluz u jikkostitwixxi malafama fil-konfront tal-attur u li l-ghan tieghu huwa li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu u sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallsu dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti f'ammont li ma jeccedix il-hamest elef lira maltin (LM5,000) a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta tal-konvenut Kurt Farrugia fejn eccepixxa s-segwenti:-

“1. Illi l-premessi u t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suescepit il-publikazzjoni msemmija mill-attur ma hiex libelluza fil-konfront tieghu.

3. Illi ‘n oltre l-fatti msemmija fl-artikolu ndikat mill-attur evidentement jikkonsisti f’rappurtagg gurnalistiku dwar materja t’interess pubbliku attwali accettabli f’socjeta demokratika, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem kif ukoll taht il-Ligijiet tal-Istampa.

4. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suescepit fejn tikkontjeni kummenti jew opinjonijiet, il-pubblikazzjoni ‘n kwistjoni, tikkonsisti wkoll f’espressjoni tal-opinjoni w apprezzament, jew *value judgement* tal-gurnalist u hija *fair comment* maghmul in buona fede fuq materja t’interess pubbliku ammissibbli kemm taht il-Ligi tal-Istampa, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.”

Semghet lill-attur **Peter Busuttil** jixhed nhar it-tmintax (18) ta’ Gunju 2009 fejn ghamel referenza ghall-artikolu li kien deher fuq is-sit elettroniku ‘Maltastar.com’, liema artikolu jinsab inserit fl-atti a fol.. 2 immarkat bhala Dok. ‘A’ datat ghaxra (10) ta’ Frar 2008. Jaghmel referenza wkoll b’mod partikolari, ghat-tieni paragrafu tal-istess artikolu. Huwa jichad li nghata s-somma t’ghoxrin elf euro sabiex jaghmel *marketing* ghal attivita kummercjali. Jghid li dik l-attivita kienet organizzata mill-*football club* tat-tieni distrett min fejn johrog ghall-politika l-Onorevoli Tonio Fenech. Ghalkemm jistqarr li r-ritratt li jidher fuq dan l-artikolu huwa veritier, jikkonferma li verament inghata s-somma ta’ ghoxrin elf euro mill-‘Good Causes Fund’ u dan sabiex jintuzaw f’attivita kulturali li kellha ssir hdejn is-swar ta’ De Redin, in partikolari sabiex isisr produzzjoni tejatrali biex jigi ccelebrat c-centinarju ta’ Samuel Becket. Jghi li l-

profitt kellu jmur ghal zewg ghaqdiet tal-karitat u cioe ‘Putinu Cares’ u f-‘Razzett tal-Hbiberija’.

Ikkonferma li huwa kien applika ghal dan l-flus mill-‘Good Causes Fund’. Spjega li huwa ghandu kumpanija li jisimha ‘Red Ads Company’ u fiha tinkorpora zewg organizzazjonijiet kulturali li wahda minnhom hi bazata l-Italja u jisimha ‘Fabrica Fantastica’ u l-ohra bbazata Malta u jisimha ‘Katlina’. Jghid li kienet is-socjeta ‘Red Ads’ flimkien ma ‘Fabrica Fantastica’ u ‘Katlina’ li applikaw ghal dawn il-fondi. Spjega li s-socjeta ‘Red Ads’ ghandha VAT number w intuzat sabiex inbieghu l-biljetti ta’ din il-produzzjoni. Ikkonferma wkoll kif hemm imnizzel fl-artikolu, li l-produzzjoni saret fis-sena 2006.

Jghid li c-centinarju ta’ Samuel Beckett huwa attivita kulturali li giet celebrata madwar id-dinja kollha w ghall-ewwel darba f’Malta, ttelghet il-produzzjoni ta ‘Waiting for Godot”. Qal li sabiex ghamlu hekk hadu hsieb hafna xoghol fosthom it-tindif tas-swar, it-tibdil tas-sistema elettrika kollha sabiex inxtghelu s-swar, tindif generali, trangar tad-dranagg li kien nizel mas-swar. Dan kien necessarju sabiex in-nies jaraw il-produzjoni f’ambjent li huwa storiku.

Dwar l-attivita li hemm imsemmi fl-artikolu u cioe li kien hemm attivita organizzata mill-*football club* ta’ B’Kara, kien hemm loghba *football* bejn Milan u B’kara, u peress li huwa *fan* kbir ta’ B’Kara, huwa gie mitlub sabiex jipprezenta din il-loghba fil-*ground* u dan bla hlas. Naturalment, huwa accetta w hekk ghamel. Jghid li m’ircieva l-ebda hlas mill-fondi tal-‘Good Causes’ ghal dan. Jghid li l-uniku kuntatt li kellu mal-*club* ta’ B’Kara kien li fis-sena 2004 fejn gie mitlub sabiex ighinhom jigbru xi *sponsors* ghal *club*, wara sena ma komplix.

Huwa esebixxa artikolu li deher fil-gazetta t-‘Torca’ nhar it-tletin (30) ta’ Lulju 2006 dwar it-tindif li sar fis-swar ta’ De Redin bil-hila ta’ Godot, dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. ‘OD 1’.

Esebixxa wkoll dokument mahrug minn magazine maghruf bl-isem ‘Whats up’ mahrug mill-Union Press li gie mmarkat bhala Dok. ‘OD 2’ datat Awwissu 2006 li taht it-titolu ‘Avvenimenti u Kultura’ hemm imxandar l-attivita ‘Waiting for Godot’. Hemmhekk ukoll hemm imnizzel min kien ser igawdi minn din l-attivita.

Esebixxa dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok. ‘OD 3’ datat sitta (6) t’Awwissu 2006 li deher fis-‘Sunday Times’ fejn fil-kantuniera, hemm il-logo tal-kumpanija ‘Red Ads Company Limited’ u fin-nofs hemm miktub ‘Katlina presents, Fabrica Fantastica, National Good Causes Fund’ u l-logo tar-‘Razzett tal-Hbiberija’ u tal-‘Puttinu Cares’ u dan biex juri li huwa ma kellu l-ebda ntenzjoni li jahbi xi haga minn dak li xehed dwaru.

Esebixxa ukoll dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok. ‘OD 4’ li huwa dokument mahrug mill-Ministeru ta-Finanzi ndirizzata lilu ghan-nom tas-socjeta ‘Red Ads Company Limited’ li tirreferi ghall-produzzjoni tal-Imdina fejn gie mitlub juza il-VAT number tas-socjeta ‘Red Ads’.

Esebixxa ittra li giet immarkata bhala Dok. ‘OD 5’, li giet mibghuta lilu mis-socjeta estera Samuel French Ltd fejn inghata ir-*rights* sabiex itellgha din il-produzzjoni ta’ ‘Waiting for Godot’ u li fiha hemm ukoll il-konessjoni mas-socjeta ‘Red Ads Co. Ltd’.

Esebixxa ukoll artikolu miktub minn Ariadne Massa fil-gazzetta ‘The Times” li gie mmarkat bhala Dok. ‘OD 6’ li fiha hemm miktub ‘*it was worthwhile waiting for Godot’*, flimkien m’artikolu iehor miktub minnha li gie mmarkat bhala Dok. ‘OD 7’ li juri l-istat li kienu fih is-swar u tahtu hemm indikat kif effettivament ittrangaw.

Esebixxa artikolu iehor li deher fil-magazine ‘The Circle’ li gie mmarkat bhala Dok. ‘OD 8’ li juri minn fejn gew il-flejjes u ghal x’hiex intuzaw.

Jghid li dawn huma biss *samples* tal-artikoli li kien hemm fuq din il-produzzjoni.

Esebixxa ukoll dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok. ‘OD 9’ li jindika li dakinhar li hareg dan l-artikolu fuq is-sit ‘Maltastar.com’, il-konvenut kien l-editur taghha.

Ikkonferma li din il-produzzjoni nghatat hafna *coverage* mill-media u dan ghaliex primarjament kellha kwalita fil-produzzjoni u fit-tieni lok fix-xahar t’Awwissu ma tantx ikun hawn affarijiet ghaddejjin.

Jaghmel referenza wkoll ghall-artikolu ghal dik il-parti fejn hemm imnizzel li huwa kien jikkordina l-affarijiet tal-Partit Nazzjonalista. Din ukoll hija inveritjera ghaliex ma hiex minnha u lanqas ma hu minnu li huwa rcieva kuntratti mal-Gvern. Mistoqsi dwar il-Malta Song, jghid li dak mhux kuntratt tal-Gvern.

Mistoqsi dwar x’permess kellhom biex jirrangaw is-swar, jghid li dawk is-swar huma proprjeta tac-Chaplin tal-Katidral tal-Mdina u huma talbuh permess u dan il-permess inghatalhom. Jghid li permessi mill-MEPA ma kellhomx. Ikkonferma li huwa naddaf dawn is-swar u rranga d-dwal taghhom u tal-ekwati ukoll. Jghid li kien tkellem ma Dun Victor Grech li kien tah permess mill-ewwel u jghid li seta’ jibda bix-xoghol minnufih. Ikkonferma wkoll li l-kontijiet li ghandu, huma kollha awditjati.
Stqarr li kien ilu jahdem fuq din il-produzzjoni ghal ghaxar snin u ddecida li jtellghaha, meta kien jaf li kien hemm bizzejjed fondi. Ikkonferma li mal-Ministru dwar l-applikazzjoni tieghu, ma tkellimx.

Illi nhar is-sitta (6) ta’ Novembru 2008, **l-attur rega xehed** u spjega li wara li kien xehed il-Qorti, regghet dehret fuq is-sit ‘Maltastar.com’ l-istess ritratt tieghu fejn saret allegazzjoni li huwa nghata l-flus in konnessjoni mal-loghba li kellha tintlaghab bejn Milan u B’Kara. Huwa esebixxa dan l-artikolu li gie mmarkat bhala Dok. ‘Z’.

Minn ezami ta’ dan id-dokument, jirrizulta ghal x’hiex intuzaw il-flejjez in kwistjoni. Huwa esebixxa wkoll il-**profit and loss** tal-produzzjoni ‘Waiting for Godot’ li gie mmarkat bhala Dok. ‘X’ u kopja tal-applikazzjoni li kien

mela' mal-'Good Causes Fund' li giet immarkata bhala Dok. 'Y'.

Semghet lil **John Borg,** President tal-'B'Kara Football Club', jixhed nhar is-sitta (6) t'Ottubru 2008 fejn ikkonferma li hu kien ilu jokkupa diversi karigi fosthom dik tal-ahhar ta' President ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Jghid li huma hassew bhala *club* li kellhom jinqdew bl-attur li huwa Karkariz, sabiex jippresenta l-loghba bejn Milan u B'Kara u dan b'xejn, bhala volontarju. Jikkonferma li l-attur ma kellu l-ebda nvolviment, la fil-fatt li l-*players* tal-Milan gew Malta, la fil-logistika taghhom waqt li kien Malta, f'xejn.

Semghet lil **Kurt Farrugia**, il-konvenut jixhed nhar it-tnax (12) ta' Marzu 2009 u ghamel referenza ghall-artikolu li deher fis-sit tieghu intitolat 'Fenech forks out twenty thousand euros to Peter Busuttil' mexa skond il-verita tal-fatti. Ikkonferma li l-Onorevoli Ministru Tonio Fenech, kien hareg is-somma t'ghoxrin elf euro mill-fondi tal-Kawzi Gusti li huwa fond li johrog mill-'Games and Lotteries Act' u li jibbenfikaw minnha organizazzjonijiet bl-ghan li jtellghu attivitajiet li ma jsirx qliegh.

Ikkonferma li kien irraporta li l-Onorevoli Sepretarju Parlamentari effettivament taha s-somma t'ghoxrin elf euro lis-socjeta 'Red Ads' u dan johrog minn risposta li nghatat ghall-*parlamentary questions* numru 25732 tal-Onorevoli Chris Agius, li ghaliha rrisponda l-Onorevoli Prim Ministru Lawerene Gonzi, kif jirrizulta mid-dokument esebit u mmarkat bhala Dok. 'KF 1' u 'KF 2'. Jghid pero li mir-risposta li nghata l-Onorevoli Chris Agius, ma jirrizultax l-iskop ghalfejn inhargu dawn l-ispejjez. Spjega li s-socjeta 'Red Ads Co. Ltd' hija socjeta li taghmel attivitajiet kummercjali . Jghid li l-izball li kien hemm, kien fis-sens li kien hemm imnizzel li l-attivita giet organizzata mill-*football club* ta' B'Kara, meta effettivament kienet organizzata mill-attur. Huwa esebixxa risposta li kien baghat l-attur li giet immarkata bhala Dok. 'KF 3' fejn ma gewx mitluba sabiex jghamlu xi korrezzjoni ghalkemm iddecidew li jippublikaw din l-istess *email* li kienu ircevew. Jghid li wara li semghu lill-attur jixhed il-Qorti, dehrlu li

kellu jaghmel korrezzjoni kif jirrizulta mid-Dok. 'KF 4' esebita minnu seduta stante. Huwa kkonferma l-kumplament tal-artikolu li jinsab esebit fl-atti a fol. 2 et seq. Mistoqsi jikkummenta dwar ir-ritratt, jghid li dan gabu mill-*website of information* tal-Gvern u jidher, fil-fehma tieghu, li ghandu x'jaqsam mal-flejjes li nghataw mill-fondi tal-Kawzi Giusti.

Ikkonferma li dan l-artikolu nkiteb fl-ghaxra (10) ta' Frar 2009 filwaqt li l-elezzjoni generali saret nhar it-tmienja (8) ta' Marzu 2008. Spjega 'n kontr'ezami li huwa uza dan ir-ritratt u cioe tal-Onorevoli Ministru mal-attur, ghax dak kien l-uniku ritratt li kellu taghhom flimkien. Ikkonferma li l-Onorevoli Ministru m'ghamel ebda Libel fuq dan l-artikolu kontra taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta ta' nhar il-hamsa (5) ta' Novembru 2009.

Ikkunsidrat:-
Illi ghalhekk din il-Qorti sejra l-ewwel tifli dak li gie rapurtat fl-artikoli li jinsab esebit fl-atti a fol. 2 et seq qabel ma tghaddi biex tiddiskuti l-principji generali t'interess ghal-prova ta' libel.

Minn ezami ta' dan l-artikolu jirrizulta bhala fatt, s-segwenti:-
1. Illi Peter Busuttil huwa *entertainer who used to present PN poltical activities in the 2003 electoral campaign*.
2. Illi huwa nghata s-somma t'ghoxrin elf euro sabiex jimmarkitja attivita kummercjali u sabiex jippromwoviha.
3. Illi l-attivita kienet organizzata mill-*football club* fid-distrett tal-Onorevoli Ministru Tonio Fenech.
4. Illi din l-attivita kienet wahda kummercjali bil-ghan li taghmel profitt.
5. Illi Peter Busuttil, fis-snin 2003, kien jikkordina attivitajiet tal-Partit Nazzjonalista u li kien sahansitra anke ghamel intervista tal-Prim Ministru ta' dak iz-zmien.

6. Illi Peter Busuttil kien inghata diversi kuntratti tal-Gvern bhal '*the organisaton of the Malta Song for Europe Festival*".

Illi l-attur hass ruhu ngurjat u malafamat b'dan l-artikolu ghaliex jistqarr li ma kienx minnu li huwa nghata s-somma t'ghoxrin elf euro sabiex itellgha produzzjoni kummercjali, anzi il-produzzjoni li tellgha, kienet wahda purament kulturali imsejjha 'Waiting for Godot' u li l-profitt inghata lil zewg ghaqdiet tal-karita lokali u cioe lil 'Puttinu Cares' u r-'Razzett tal-Hbiberija' kif jidher mill-*logos* li kien hemm fuq l-artikolu li kien deher fuq it-'Times'. In oltre hass ruhu ngurjat, ghaliex jghid li ma kienx minnu li huwa nghata diversi kuntratti tal-Gvern u jghid li l-Malta Song for Europe Festival, m'hiex organizzazzjoni tal-Gvern.

Jinghad li sabiex tirnexxi azzjoni ta' libel, jehtiegu tlett elementi;-
1. Il-pubblikazzjoni;
2. Identifikazzjoni; u
3. d-defamazzjoni.

Dwar l-<u>ewwel element</u> u cioe dik tal-publikazzjoni, hija prezunta f'kull mezz ta' xandira minn fuq il-mezzi tax-xandir. F'dan il-kaz, il-publikazzjoni saret fuq sit elettroniku 'maltastar.com' kif konfermat mill-editur taghha stess il-konvenut. Dwar din ma jidhirx li hemm kontestazzjoni.

Dwar it-<u>tieni element</u> u cioe l-identifikazjoni, lanqas ma jidher li hemm xi kontestazzjoni u dan ghaliex proprju f'nofs l-artikolu, hemm ritratt tal-attur stess, oltre referenza ghall-persuna tieghu ben maghrufa f'Malta. Ghalhekk m'hemmx dubbju li l-persuna tal-attur hija ddentifikabbli.

Dwar it-<u>tielet element</u> u cioe id-defamazzjoni, l-Qorti trid tesamina l-artikolu per se, biex tara jekk dak li rraporta l-konvenut, huwiex malfamanti jew le. Dan qed jinghad, ghaliex l-avukat tal-konvenut, stqarr fit-trattazjoni tieghu, li l-konvenut ma kellux intenzjoni li jingurja lill-attur w irraporta dak li irrizultalu minn domanda parlamentari.

Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell, kif sostnut fis-sentenza **Dr. Sandra Sladden et vs Joe Mifsud** deciza nhar l-erbgha (24) ta' Settembru 2004, b'referenza ghall-kelma 'malafama' fl-artikolu 28(1),

"…li l-ghan taghha jkun li jtellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna… " (fit-test ingliz "… *the object of which is to take away or injure the reputation of any person…* ") ma jirreflettux ghal xi ntenzjoni specifika jew motiv ulterjuri li jrid ikollu l-awtur tal-kitba, l-editur jew il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni, izda jirreferu 'ghat-tendenza tal-kliem stampat jew tal-kliem imxandar, li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' dak li jkun'.

Kif tajjeb osserva **Gately** fil-ktieb **Libel and Slander** (pagna 45 para 89):-

"*The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning. Liability for libel does not depend on the intention of the defamer, but on the fact of the defamation.*

*The question is not what the writer of an alledged libel means, but what is the meaning of the words he has used. It is not the defendents intention, or the meaning in his own mind, that makes the sense of the libel, but what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it*."

L-avukat difensur ghamel referenza ghal fatt li f'socjeta demokratika, huwa ammess li jigi mxandar dak kollu li huwa t'interess ghall-pubbliku, basta li dan isir b'mod kawt, u dan hu proprju dak li m'ghamilx l-konvenut.

Ma hemmx dubbju li d-dritt invokat mill-konvenut huwa suggett ghal certi kundizzjonijiet.

Skond il-gurisprudenza kif zviluppat matul iz-zminijiet li tikritika tista kemm trid, dment li dan isir entro certi limiti u li l-liberta ma tissarrafx f'libertinagg u f'irrisponsabilita, b'tali mod li persuna tista tigi ssoggettata ghal addebiti

foloz li jisghu jwaslu bies joskurawha f'ghajnejn il-pubbliku.  Il-liberta t'espressjoni ma hiex xi licenzja li wiehed jghid li jrid minghajr kontroll.

Hekk, per ezempju fil-kaz **Bladet Tromso and Sensas vs Norway** deciz fl-ghoxrin (20) ta' Mejju 1999, il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruhha hekk:-

*"Article 10 of the Convention does not however guarantee a wholly unrestricted freedom of expression when with respect to press coverage of matters if serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article the exercise of this freedom carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the press. These "duties and responsibilities" are liable to assume significance when, as in the present case, there is question of attacking the reputation of private individuals and undermining the' rights of others'…By reason of the 'duties and responsibilities' inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting n issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism."* (ara para 65.).

Dan hu l-istess ragunament milhuq f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Godwin vs The United Kingdom** deciza fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Marzu 1996 u **Fressoz vs Roire vs France** deciza fil-wiehed w ghoxrin (21) ta' Jannar 1999.

Ma hemmx dubbju li b'dak li xandar l-konvenut, ried jitfa dell fuq l-integrita tal-attur, fis-sens li huwa ottjena flejjes mill-Fondi tal-Kawzi Gusti ghall-attvita sportiva ta' natura kummercjali sabiex jghamel xi profitt personali, meta il-flejjes ottjenihom ghall-attivita kulturali u l-profitt mar ghand zewg ghaqdiet tal-karita lokali.

Dwar dan il-fatt, l-konvenut naqas li jressaq xi prova kuntrarja.  Illi ghalhekk ghandu ragun l-attur ihossu

malafamat ghaliex il-konvenut pprova jpingi kwadru differenti tal-fatti bil-ghan li joskura l-persuna tal-attur.

**Gately** fl-istess ktieb citat aktar 'l fuq, jaghti tifsira ghal kelma '*defamtory*' u cioe '*any reputation which may tend to lower the plaintiff in estimation of right thinking member of society in general to to expose him to hatred contempt or ridicule'*.

Issir referenza ghas-sentenza moghtija mil-Qorti Ewropeja f'dan ir-rigward fil-**Lingens Case** fejn inghad li:-

*"In the courts view a careful distinction needs to be made between facts and value judgements. The existence of facts can be demonstrated* (kif fil-fatt sar f'din il-kawza) *whereas the truth and value judgement is not susceptible of proof*."

U huwa proprju dan id-dritt tal-opinjoni li l-Qrati nostrana tipprotegi sabiex is-socjeta tista tissejjah demokratika u mhux li tattribiwxxi fatti nveritjeri u malafamanti.

Fis-sentenza tal-**House of Lords** tat-tmienja w ghoxrin (28) t'Ottubru 1999, fl-ismijiet '**Reymolds vs Times Newspapers and Others**' Lord Hobhouse of Woodboroguh pogga din is-sitwazzjoni fi kliem impekkabbli u cioe:-

*"The liberty to communicate (and receive) information has a similar place in a free society, but it is important always to remember that it is the communication of information not misinformation which is the subject of this liberty. There is no human right to disseminate information that is not true. No public interest is served by publishing or communicating misinformation. The working of a democratic society depends on the members of that society being informed not misinformed. Misleading people and purveying as facts statements which are not true is destructive of the democratic society and should form no part of such a society. There is no duty to publish what is not true; there is no interest in being misinformed.*

*These are general propositions going far beyond the mere protection of reputations".*

Illi dak hu proprju li ghamel il-konvenut u cioe qabad ma domanda parlamentari w ghawwigha sabiex xandar fatti li ma kienux koretti w ghalhekk informa hazin lil pubbliku. Molto piu meta tqis li proprju pogga ritratt tal-attur f'*ground* li ma kellu x'jaqsam xejn mal-fatti veri ta' kif nghataw il-fondi.

Dwar id-danni, l-konvenut jghid li bi tnaqqis ta' danni jipprova li hu jkun ghamel jew offra li jaghmel apologija lill-attur dwar dik il-malafama qabel ma tkun inbdiet l-azzjoni ghad-danni jew kemm jista jkun malajr wara malli kellu l-opportunita li hekk jaghmel f'kaz li l-azzjoni tkun inbdiet qabel kellu l-opportunita li jaghmel jew li joffri li jaghmel dik l-appologija. Izda l-konvenut ma jistax igib dik il-prova bi tnaqqis ta' danni jekk hu jkun gieb il-prova tal-verita skond l-artikolu 12 tal-Kap 248.

Illi f'din il-kawza, l-konvenut ma gabx dik l-ecezzjoni dwar il-verita tal-fatti u lanqas m'ittanta jirrimedja l-ingurja li ghamel lill-attur, ghaliex fil-mori tal-kawza, wara li xehed l-attur, l-konvenut rega stampa l-istess ritratt tal-attur mal-Onorevoli Ministru Tonio Fenech meta veramnet dak ir-ritratt ma kellu x'jaqsam xejn mal-artikolu li fuqu kien qed jitkellem w in oltre, m'ghamel ebda referenza ghall-artikolu tieghu precedenti fejn seta' jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tiddikjara li l-konvenut immalafama l-attur bl-artikolu li ippubblika fis-sit elettroniku tieghu 'maltastar.com' nhar l-ghaxra (10) ta' Frar 2008 fl-artikolu "*Fenech forks out euro 20,000 to Peter Busuttil*" w ghalhekk tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma t'elf euro maltin EUR 1,000 in linea ta' danni likwidati ai fini tal-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.**

**L-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------